MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 220/2007

Il-Pulizija

(Spettur Raymond Cassar)

vs

Mark Zahra u

Charles sive Charlo Mangion

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 449371m u 25276m rispettivament, akkuzati talli:

1. fl-4 ta' Frar 2007 ghal habta ta' bejn l-erbgha neqsin kwart u l-erbgha ta' wara nofs inhar, f'Haz-zabbar, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' serq mill-fond Massabielle sitwat fi Triq Santa Marija, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt li kieku sehh kien ikun aggravate bil-mezz, bil-valur u bil-lok, ma kienx

esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom – bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew/u gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu hsara fil-bieb ta' barra tal-fond Massabielle sitwat fi Triq Santa Marija f'Haz-Zabbar ghad-dannu ta' Lawrence Spiteri u/jew ta' persuni ohra, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9;
3. saru recidivi ai termini tal-Artikolu 49.50 u 289(1) tal-Kap 9 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

KONTRA MARK ZAHRA WAHDU:

4. fid-19 ta' Marzu 2007 u fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti, f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-ditorni tieghu xi arma tan-nar hew munizzjon u cioe' arma tal-arja minghajr ma ghandu licenza jew il-permess tal-Kummissaraju tal-Pulizija – bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 480;
5. kiser il-kundizzjonijiet li gew impost fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fl-1 ta' Frar 2007;

KONTRA CHARLES SIVE CHARLO MAGION WAHDU:

6. fl-4 ta' Frar 2007 ghal habta tal-erbgha u kwart ta' wara nofs inhar iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jisghtu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti l-ohra;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jiddistingu l-attentat ta' serq u konsgwenti hsara volontarja liema reati huma komuni ghaz-zewg imputati, huma li fil-gurnata u hin indikati fit-tahrika permezz ta' sgass huma dahlu gewwa l-fond in kwistjoni fejn gew sorprizi mit-tifla tal-konjugi Spiteri. Jirrisulta li l-imsemmija konjugi kienu hargu flimkien ma binthom l-ohra aktar kmieni f'dik il-gurnata izda binthom jisimha Leanne ta' sittax il-sena kienet baqghet id-dar. Fil-hin tal-attentat serqa hi semmghet speci ta' faqqatura mal-bieb ta' barra u sussegwetement issorprendiet zewg irgiel gewwa, wiehed minnhom li kien fil-kurritur tad-dar u l-iehor tiela t-tarag. Kif l-irgiel semmghawha tghajjat ghall-ajjut harbu. Fil-kuntest ta' dan l-attentat ta' serq li ma jirrisultax huwa l-aggravju tal-valur.

Intant, mill-provi ghandu jirrisulta wisq car li l-irgiel in kwistjoni huma l-imputati. Dan ghandu jirrisulta filli l-imputat li gie sorpriz fil-kuritur gie posittivament u b'certezza identifikat mit-tifla wkoll f'"identification parade" appositament allestita mentri fir-rigward l-imputat l-iehor mill-fatt li fil-flixkla tal-harba minn gewwa l-fond waqalu t-telefon cellulari sussegwentement elevat mill-pulizija.

Minn dawn iz-zewg fatti biss r-rieta' tal-imputati hija pruvata.

Fir-rigward r-reati li jittrattaw kull wiehed mill-imputati separatament: dawk migjuba kontra l-imputat Zahra, fil-konfront tal-arma u ksur ta' sentenza sospiza (fol.117 et seq), huma jirrizultaw altru li sodisfacjentement pruvati; mentri ghal dak li jikkoncerna l-imputat Mangion jirrisulta.

Issibhom hatja tal-akkuzi riportati kontra taghhom.

Rat il-fedina penali rispettiva.

Tikkundannhom:

1. fil-konfront ta' Mark Zahra disa xhur prigunerija wara li rat l-Artikolu 41(1), 261 (c)(e), 264(1),267,281,31, 17(h), 49,50 u 289 tal-Kap 9;
2. fil-konfront ta Charles sive Charlo Mangion sitt xhur prigunerija wara li rat l-Artikolu 41(1),261(c)(e),264(1),267,281,31,17(h) u 110(2) tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------